**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# REGOLAMENT (UE) Nru 1011/2012 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli

***(BĊE/2012/24)***

(ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament (UE) 2015/730 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2015 | L 116 | 5 | 7.5.2015 |

▼B

**REGOLAMENT (UE) Nru 1011/2012 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-17 ta' Ottubru 2012**

**dwar statistika fuq investimenti f'titoli**

***(BĊE/2012/24)***

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (minn hawn 'il quddiem l-'ESA 95') ([1]), u b'mod partikolari l-Anness A tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 958/2007 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8) ([3]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar statistika li tittratta l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji involuti f'tranżazzjonijiet ta' securitisation (BĊE/2008/30) ([4]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2008/32) ([5]),

Wara li kkunsidra r-Regolament 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ([6]),

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([7]),

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 10, Volum 2, p. 3-471.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 1, Volum 3, p. 23-34.
([3]) ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.
([4]) ĠU L 15, 20.1.2009, p. 1.
([5]) ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.
([6]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
([7]) ĠU L 239M, 10.9.2010, p. 1-200 (MT).

▼B

Billi:

(1) Sabiex jitwettaq ix-xogħol tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u sabiex isir il-monitoraġġ tas-swieq finanzjarji u tal-attivitajiet finanzjarji ġewwa ż-żona tal-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu bżonn jiġbor tagħrif statistiku ta' kwalità għolja fuq bażi ta' titolu b'titolu fir-rigward ta' titoli miżmumin f'setturi istituzzjonali taż-żona tal-euro, u titoli maħruġin minn residenti taż-żona tal-euro u miżmumin minn setturi istituzzjonali mhux taż-żona tal-euro.

(2) Biex jikkontribwixxi għat-tmexxija bla xkiel tal-politika tal-awtoritajiet kompetenti dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u l-analiżi tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, il-BĊE għandu bżonn jiġbor informazzjoni titolu b'titolu mingħand il-gruppi bankarji fuq l-investimenti f'titoli ta' dawk il-gruppi.

(3) L-għan tad-dejta li trid tinġabar huwa li l-BĊE jiġi pprovdut b'tagħrif statistiku komprensiv fuq kemm setturi ekonomiċi huma skoperti u gruppi bankarji individwali fl-Istati Membri taż-żona tal-euro għal klassijiet speċifiċi ta' titoli u fuq ir-rabtiet bejn is-setturi ekonomiċi tad-detenturi u tal-emittenti ta' titoli, u fuq is-suq għal titoli maħruġin minn residenti taż-żona tal-euro. L-importanza li jkun hemm informazzjoni preċiża dwar kemm huma skoperti s-setturi ekonomiċi u lgruppi bankarji għal klassijiet speċifiċi ta' titoli f'livell disaggregat ħafna dehret matul il-kriżi finanzjarja, meta riskji għall-istabbiltà finanzjarja dovuti għall-mekkaniżmi ta' kontaġju f'livell ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali, iġġenerati minn klassijiet speċifiċi ta' titoli, ma setgħux jiġu identifikati sew mid-dejta aggregata. Informazzjoni f'waqtha fuq investimenti f'titoli f'livell ta' titoli individwali tippermetti wkoll li l-BĊE jimmonitorja t-trażmissjoni ta' riskji mis-swieq finanzjarji lejn l-ekonomija reali.

(4) Barra minn hekk, dan it-tagħrif statistiku ser isostni lill-BĊE fl-analiżi tal-iżviluppi tas-suq finanzjarju, u fil-monitoraġġ tal-bidliet fil-portafolli tat-titoli tas-setturi ekonomiċi u tar-rabtiet bejn l-intermedjarji finanzjarji u l-investituri mhux finanzjarji.

(5) Minħabba r-rabtiet bejn il-politika monetarja u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, il-ġbir ta' tagħrif statistiku fuq bażi ta' titolu b'titolu dwar pożizzjonijiet ta' investimenti f'titoli u tranżazzjonijiet finanzjarji, u għad-derivazzjoni ta' tranżazzjonijiet minn pożizzjonijiet, huwa neċessarju wkoll biex jissodisfa bżonnijiet analitiċi regolari u *ad hoc* biex isostni 'l-BĊE fit-twettiq tal-analiżi monetarja u finanzjarja, u għall-kontribuzzjoni mis-SEBĊ għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Dan it-tagħrif statistiku ser jippermetti li l-informazzjoni fuq titoli miżmumin minn setturi istituzzjonali tiġi kkombinata ma' informazzjoni fuq l-emittenti individwali mad-dinja kollha, biex b'hekk tipprovdi mezz importanti għall-monitoraġġ tat-tkabbir u l-evoluzzjoni tal-iżbilanċji finanzjarji.

▼B

(6) Huwa meħtieġ ukoll li l-BĊE jkun jista' jipprovdi appoġġ analitiku u statistiku lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku skont ir-Regolament tal-Kunsill (EU) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew xogħol speċifiku rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]).

(7) Għal din ir-raġuni, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jidentifika gruppi bankarji li jirrappurtaw għall-finijiet tal-ġbir ta' dejta taħt dan ir-Regolament waqt li jitqiesu d-daqs tal-karta tal-bilanċ ikkonsolidata ta' kull grupp meta mqabbel mal-assi tal-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tal-gruppi bankarji kollha tal-Unjoni Ewropea, is-sinifikat tal-attivitajiet tal-grupp f'settur partikolari tan-negozju bankarju u r-rilevanza tal-grupp għall-istabbiltà u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja fiż-żona tal-euro u/jew Stati Membri individwali.

(8) Għandhom japplikaw l-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98.

(9) Ir-rekwiżiti ta' rappurtar skont dan ir-Regolament, inklużi d-derogi minnhom, huma bla ħsara għar-rekwżiti ta' rappurtar stabbiliti f'atti u strumenti legali oħrajn tal-BĊE, li jistgħu, tal-inqas parzjalment, ikopru wkoll rappurtar ta' tagħrif statistiku titolu b'titolu fuq investimenti f'titoli.

(10) Huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura biex isiru emendi tekniċi fl-annessi ta' dan ir-Regolament b'mod effettiv, sakemm dawn la jibdlu l-qafas konċettwali sottostanti u lanqas jeffettwaw il-piż ta' rappurtar fuq l-aġenti tar-rappurtar fl-Istati Membri. Din il-proċedura għandha bżonn tippermetti li jiġu kkunsidrati l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikoli 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1. ġbir ta' dejta 'titolu b'titolu' tfisser il-ġbir ta' dejta maqsuma f'titoli individwali;

2. 'pożizzjoni' tfisser l-ammont ta' stokk ta' titoli, li t-tipi tagħhom huma elenkati fil-paragrafu 15, li jappartjenu għal jew huma miżmumin f'kustodja minn aġent ta' rappurtar attwali fl-aħħar ta' perijodu ta' referenza, kif iddefinit iktar fil-Parti 4 tal-Anness II;

3. 'istituzzjoni ta' kreditu prinċipali': 'kumpanija ta' investiment finanzjarju prinċipali', 'sussidjarja' u 'fergħa' għandhom l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE;

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162.

▼B

4. 'grupp bankarju' tfisser (a) istituzzjoni ta' kreditu prinċipali u s-sussidjarji u l-friegħi finanzjarji kollha tagħha, ħlief għal impriżi tal-assigurazzjoni li jkunu rċevew awtorizzazzjoni uffiċjali skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 73/239/KEE (1) jew l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/83/KE (2); jew (b) kumpanija ta' investiment finanzjarju prinċipali u s-sussidjarji u l-friegħi finanzjarji kollha tagħha, ħlief għal impriżi tal-assigurazzjoni li jkunu rċevew awtorizzazzjoni uffiċjali skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 73/239/KEE jew l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/83/KE, sakemm fiż-żewġ każijiet il-kumpanija prinċipali hija l-kap tal-grupp bankarju. Entità mingħajr ebda sussidjarja tikkostitwixxi grupp fiha nnifisha, sakemm l-entità mhiex sussidjarja hija stess;

5. 'residenti' għandha l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

6. 'istituzzjoni finanzjarja monetarja' (IFM), 'istituzzjoni ta' kreditu' (CI – credit institution) u 'fond tas-suq tal-flus' (MMF – money market fund) għandhom l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32). Is-settur IFM jikkonsisti mis-CIs u l-MMFs;

7. 'fond ta' investiment' (IF – investment fund) għandha l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8);

8. 'korporazzjoni finanzjarja vettura' (FVC – financial vehicle corporation) għandha l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30);

▼M1

8a. 'korporazzjoni tal-assigurazzjoni' (IC) għandha l-istess tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1374/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/50) (3);

▼B

9. 'kustodju' tfisser entità li tappartjeni lis-'settur tal-korporazzjonijiet finanzjarju' (S.12 (4)) u li tieħu ħsieb is-salvagwardja u l-amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji f'isem il-klijenti, inkluż il-kustodja u servizzi relatati bħall-immaniġġjar ta' flus kontanti/kollateral kif speċifikat fit-Taqsima B, punt (1) tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE;

(1) L-Ewwel Direttiva Tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Volum 1, p. 14-30).

(2) Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Volum 6. p. 3-54).

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1374/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2014 dwar rekwiżiti ta' rapportar statistiku għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (BĊE/2014/50) (ĠU L 366, 20.12.2014, p. 36).

(4) In-numerazzjoni tal-kategoriji f'dan ir-Regolament kollu tirrifletti n-numerazzjoni introdotta fil-proposta tal-Kummissjoni KUMM(2010) 774 finali (il-proposta għar-Regolament ESA 2010). Għal aktar tagħrif ara l-Anness II.

▼B

10. 'kap ta' grupp bankarju' tfisser il-kumpanija prinċipali ta' grupp bankarju, sakemm ikun jew istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE jew kumpanija prinċipali ta' investiment finanzjarju tal-UE kif iddefinit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE u kif implimentat fl-Istati Membri tal-Unjoni, ħlief li 'UE' għandha tinbidel b' 'żona tal-euro' u 'Stat Membru' għandu jinbidel bi 'Stat Membru taż-żona tal-euro';

11. 'kap ta' grupp ta' rappurtar' tfisser kap ta' grupp bankarju identifikat mill-Kunsill Governattiv bħala grupp ta' rappurtar bis-saħħa tal-Artikolu 2(4);

12. 'investitur' tfisser kull entità jew persuna li jkollha investimenti finanzjarji;

13. 'titoli miżmumin f'kustodja' tfisser titoli li huma miżmumin u amministrati minn kustodji f'isem l-investituri;

14. 'BĊN rilevanti' tfisser il-BĊN tal-Istat Membru taż-zona tal-euro fejn l-aġent ta' rappurtar huwa residenti;

15. 'titoli' tfisser it-tipi ta' titoli li ġejjin:

    (a) 'titoli ta' dejn' (F.3);

    (b) 'ishma kkwotati' (F.511);

    (c) 'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment' (F.52);

16. 'investimenti f'titoli' tfisser il-pussess ekonomiku ta' titoli, li t-tipi tagħhom huma elenkati fil-paragrafu 15;

17. 'kodiċi ISIN' tfisser in-Numru Internazzjonali ta' Identifikazzjoni ta' Titoli (International Securities Identification Number) mogħti lit-titoli, li jikkonsisti minn 12-il karattru alfanumeriku, li jidentifika b'mod uniku ħarġa ta' titoli (kif iddefinit mill-ISO 6166).

*Artikolu 2*

**Popolazzjoni ta' rappurtar attwali**

▼M1

1. Il-popolazzjoni ta' rappurtar attwali għandha tikkonsisti mill-IFMi, IFs, FVCs, ICs residenti, kustodji u l-kapijiet tal-gruppi bankarji identifikati mill-Kunsill Governattiv bħala gruppi ta' rappurtar skont il-paragrafu 4 u nnotifikati bl-obbligi ta' rappurtar tagħhom skont il-paragrafu 5 (iktar 'il quddiem kollettivament 'aġenti ta' rappurtar attwali' u individwalment 'aġent ta' rappurtar attwali').

2. Jekk MMF, IF, FVC jew IC ma jkollhomx personalità ġuridika skont id-dritt nazzjonali, il-persuni intitolati legalment biex jirrappreżentawhom jew, fin-nuqqas ta' rappreżentanza formalizzata, persuni li skont il-liġijiet nazzjonali applikabbli huma responsabbli għall-atti tagħhom, għandhom ikunu responsabbli għar-rapportar tal-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament.

▼M1

2a. Meta BĊNi jiksbu dejta li għandha tiġi rrapportata minn ICs skont dan ir-Regolament minn dejta miġbura skont id-Direttiva 2009/138/KE, il-popolazzjoni ta' rappurtar attwali ta' ICs għandha tikkonsisti minn:

(a) ICs inkorporati u residenti fit-territorju tal-Istat Membru taż-żona tal-euro rilevanti, inklużi sussidjarji li l-entitajiet prinċipali tagħhom jinsabu barra dak it-territorju;

(b) friegħi ta' ICs speċifikati fil-punt (a) li huma residenti barra t-territorju tal-Istat Membru taż-żona tal-euro rilevanti;

(c) friegħi tal-ICs li huma residenti fit-territorju tal-Istat Membru taż-żona tal-euro rilevanti imma li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab barra ż-ŻEE.

Biex jiġi evitat id-dubju, friegħi tal-ICs li huma residenti fit-territorju tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab ġewwa ż-ŻEE ma humiex parti mill-popolazzjoni ta' rappurtar attwali.

▼B

3. L-aġenti ta’ rappurtar attwali għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżiti ta’ rappurtar kollha sakemm ma tkunx tapplika xi deroga mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 5.

4. Il-Kunsill Governattiv jista’ jiddeċiedi li grupp bankarju huwa grupp ta’ rappurtar jekk il-grupp bankarju jkollu assi tal-karta tal-bilanċ ikkonsolidata skont it-Titolu V, Kapitolu 4, Taqsima 1 tad-Direttiva 2006/48/KE:

(a) ikbar minn 0.5 % tal-assi tal-karta tal-bilanċ ikkonsolidata totali tal-gruppi bankarji tal-Unjoni (minn hawn ’il quddiem il-‘limitu ta’ 0.5 %’), skont l-iktar dejta riċenti disponibbli għall-BĊE, jiġifieri;

  (i) dejta b’referenza għall-aħħar ta’ Diċembru tas-sena kalendarja li tiġi qabel in-notifika bis-saħħa tal-paragrafu 5; jew

  (ii) jekk id-data taħt (i) ma tkunx disponibbli, dejta b’referenza għall-aħħar ta’ Diċembru tas-sena ta’ qabel; jew

(b) daqs jew taħt il-limitu ta’ 0.5 %, sakemm il-grupp bankarju jissodisfa ċerti kriterji kwantitattivi jew kwalitattivi li jagħmluh importanti għall-istabbiltà u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja fiż-żona tal-euro (dwar, eż., ir-rabtiet ma’ istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn taż-żona tal-euro, l-attività trans-ġurisdizzjonali; in-nuqqas ta’ sostitwibbiltà; il-kumplessità tal-istruttura korporattiva) u/jew Stati Membri taż-żona tal-euro individwali (dwar, eż. l-importanza relattiva tal-grupp bankarju fi ħdan settur partikolari tas-suq tas-servizzi bankarji fi Stat Membru wieħed jew iżjed taż-żona tal-euro ).

5. Il-BĊN rilevanti għandu jinnotifika lill-kapijiet tal-grupp ta’ rappurtar bid-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv bis-saħħa tal-paragrafu 4 u tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

▼B

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar li huma nnotifikati skont il-paragrafu 5 wara li jkun beda l-ewwel rappurtar skont dan ir-Regolament għandhom jibdew jirrappurtaw dejta sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data tan-notifika.

7. Kap ta' grupp ta' rappurtar innotifikat skont il-paragrafu 5 għandu jinforma lill-BĊN rilevanti b'tibdil f'ismu jew fil-forma legali tiegħu, b'fużjonijiet jew ristrutturar, u b'kull avveniment jew ċirkostanza oħra li jeffettwaw l-obbligi ta' rappurtar tiegħu fi żmien 14-il jum minn meta jseħħu l-avveniment jew ċirkustanzi.

8. Kap ta' grupp ta' rappurtar innotifikat skont il-paragrafu 5 għandu jibqa' suġġett għall-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament sakemm jiġi nnotifikat bil-kontra mill-BĊN rilevanti.

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti ta' rappurtar statistiku**

▼M1

1. L-IFMi, l-IFs, l-FVCs, ICs u l-kustodji għandhom jipprovdu lill-BĊN rilevanti tagħhom b'dejta titolu b'titolu fuq pożizzjonijiet tal-aħħar tat-trimestru jew tal-aħħar tax-xahar u, skont il-paragrafu 5, tranżazzjonijiet finanzjarji matul ix-xahar jew it-trimestru ta' referenza, jew it-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu dderivati dawn it-tranżazzjonijiet, fuq investimenti f'titoli proprji b'kodiċi ISIN, skont il-Parti 2 tal-Anness I. Din id-dejta għandha tiġi rrapportata fuq bażi trimestrali jew ta' kull xahar skont l-istruzzjonijiet ta' rappurtar iddefiniti mill-BĊNi rilevanti.

▼B

2. Kustodju għandu jinforma lill-BĊN rilevanti bit-twettiq ta' attivitajiet ta' kustodju fi żmien ġimgħa mid-data li fiha jibda l-attivitajiet ta' kustodju, irrispettivament minn jekk jistenniex li jkun suġġett għall-obbligi ta' rappurtar regolari skont dan ir-Regolament, sakemm kustodju ma jkunx informa lill-awtoritajiet kompetenti oħrajn b'dan.

Il-kustodji għandhom jipprovdu lill-BĊN rilevanti fuq bażi trimestrali jew ta' kull xahar, skont l-istruzzjonijiet ta' rappurtar definiti mill-BĊNi, b'dejta titolu b'titolu fuq pożizzjonijiet tal-aħħar tat-trimestru jew tal-aħħar tax-xahar u, skont il-paragrafu 5, fuq tranżazzjonijiet finanzjarji matul it-trimestru jew xahar ta' referenza, fuq it-titoli b'kodiċi ISIN li ġejjin:

(a) titoli li huma jżommu f'kustodja f'isem investituri residenti li ma jirrappurtawx l-investimenti tagħhom stess skont il-paragrafu 1, b'konformità ma' Parti 3 tal-Anness I;

(b) titoli li huma jżommu f'kustodja f'isem investituri mhux finanzjarji residenti fi Stati Membri taż-żona tal-euro oħrajn, b'konformità ma' Parti 4 tal-Anness I;

▼B

(c) titoli maħruġin minn entitajiet taż-żona tal-euro li jżommu f'kustodja f'isem investituri residenti fi Stati Membri mhux taż-żona tal-euro u ta' investituri residenti barra mill-Unjoni Ewropea, b'konformità ma' Parti 5 tal-Anness I.

▼M1

2a. Il-BĊN rilevanti għandu jitlob li l-kustodji għandhom jirrapportaw fuq bażi trimestrali jew ta' kull xahar, skont l-istruzzjonijiet ta' rappurtar stabbiliti mill-BĊNi rilevanti, dejta titolu b'titolu u informazzjoni dwar l-investitur fuq pożizzjonijiet tal-aħħar tat-trimestru jew tal-aħħar tax-xahar u, skont il-paragrafu 5, fuq tranżazzjonijiet finanzjarji matul it-trimestru jew xahar ta' referenza, fuq it-titoli b'kodiċi ISIN li jkollhom fil-kustodja tagħhom f'isem ICs.

2b. Meta BĊNi jiksbu dejta li għandha tiġi rrapportata minn ICs skont dan ir-Regolament mid-dejta miġbura skont id-Direttiva 2009/138/KE, l-ICs għandhom jipprovdu lill-BĊN rilevanti, fuq bażi annwali, jew dejta aggregata jew titolu b'titolu fuq pożizzjonijiet tal-aħħar tas-sena ta' titoli b'kodiċi ISIN, imqassma iktar mill-investimenti domestiċi totali tal-IC u l-investimenti totali tal-friegħi tiegħu f'kull pajjiż ŻEE u barra ż-ŻEE, skont il-Parti 8 tal-Anness I. F'dan il-każ, ICs li jikkontribwixxu għar-rapportar annwali għandhom jagħmlu tajjeb għal mill-inqas 95 % tal-investimenti totali minn ICs ta' titoli b'kodiċi ISIN fl-Istat Membru relevanti taż-żona tal-euro.

▼B

3. Kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar għandhom jipprovdu lill-BĊN rilevanti fuq bażi trimestrali b'dejta titolu b'titolu fuq pożizzjonijiet tal-aħħar tat-trimestru ta' titoli b'kodiċi ISIN li qed jinżammu mill-grupp tagħhom, inklużi entitajiet mhux residenti. Din id-dejta għandha tiġi rrappurtata fuq il-bażi tal-portafoll gross tal-grupp, mingħajr *netting* 'il barra mill-investimenti tal-grupp tat-titoli maħruġin minn entitajiet tal-istess grupp.

B'konformità mal-istruzzjonijiet tal-BĊN rilevanti, il-kapijiet tal-gruppi ta' rappurtar għandhom jirrappurtaw dejta fuq investimenti f'titoli fuq il-bażi ta' wieħed mit-tliet metodi speċifikati fil-Parti 6 tal-Anness I.

▼M1

4. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar skont dan ir-Regolament, inklużi derogi minnu, għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' rappurtar li hemm: (a) fir-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32); (b) fir-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8); (c) fir-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30); (d) fir-Regolament (UE) Nru 1374/2014 (BĊE/2014/50).

▼B

5. L-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom, skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-BĊN rilevanti, jirrappurtaw jew (a) dejta titolu b'titolu fuq tranżazzjonijiet finanzjarji ta' kull xahar jew trimestrali u, meta jintalbu mill-BĊN rilevanti, tibdil ieħor fil-volum; jew (b) it-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu dderivati tranżazzjonijiet finanzjarji fuq il-bażi ta' wieħed mill-metodi speċifikati f'Parti 1 tal-Anness I. Iktar rekwiżiti u linji gwida dwar il-kompilazzjoni ta' tranżazzjonijiet huma stabbiliti f'Parti 3 tal-Anness II.

▼B

6. L-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom, jekk mogħtija struzzjonijiet mill-BĊN rilevanti, jirrappurtaw fuq bażi trimestrali jew ta' kull xahar dejta fuq pożizzjonijiet tal-aħħar tat-trimestru jew l-aħħar tax-xahar u, skont il-paragrafu 5, tagħrif statistiku fuq it-trimestru jew ix-xahar ta' referenza, fuq investimenti f'titoli mingħajr kodiċi ISIN, skont Parti 7 tal-Anness I. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal aġenti ta' rappurtar attwali li jingħataw derogi b'konformità mal-Artikolu 4.

7. Dejta titolu b'titolu fuq pożizzjonijiet tal-aħħar ta' trimestru jew l-aħħar tax-xahar u, skont il-paragrafu 5, tagħrif statistiku fuq it-trimestru jew ix-xahar ta' referenza, għandha tiġi rrappurtata skont il-Partijiet 1, 2 u 4 tal-Anness II, u mar-regoli tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 5.

▼M1

8. Il-BĊN rilevanti għandu jitlob li kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar jirrapportaw fuq bażi trimestrali l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti 6 tal-Anness I taħt it-titolu 'l-emittent huwa parti mill-grupp ta' rappurtar' (fuq bażi ta' titoli b'titolu), dwar it-titoli b'kodiċi ISIN li jinżammu mill-grupp tagħhom skont l-Artikolu 3(3), u dwar it-titoli mingħajr kodiċi ISIN li jinżammu mill-grupp tagħhom skont l-Artikolu 3(6).

9. Il-BĊNi jistgħu jiksbu dejta fuq investimenti ta' titoli minn ICs meħtieġa li jiġu rrapportati skont dan ir-Regolament mid-dejta li ġejja miġbura skont il-qafas stabbilit mid-Direttiva 2009/138/KE:

(a) dejta li tinsab f'mudelli ta' rappurtar kwantitattiv għal rapportar superviżorju trażmessa lill-BĊNi minn NCA, kemm jekk il-BĊN u l-NCA jkunu stabbiliti b'mod separat jew integrati fi ħdan l-istess istituzzjoni, skont it-termini tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ korpi; jew

(b) dejta li tinsab f'mudelli ta' rappurtar kwantitattiv għar-rapportar superviżorju, kif trażmessa mill-aġenti ta' rappurtar direttament u simultanjament lil BĊN u NCA.

10. Meta mudell ta' rappurtar kwantitattiv għal rapportar superviżorju jkun fih dejta meħtieġa biex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku għal ICs skont dan ir-Regolament, il-BĊNi għandu jkollhom aċċess għall-mudell sħiħ biex tiġi żgurata l-kwalità tad-dejta.

11. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni biex tiġi pprovduta ġabra ċentralizzata mill-NCA rilevanti ta' informazzjoni li tkopri kemm ir-rekwiżiti ta' ġbir ta' dejta skont il-qafas stabbilit bid-Direttiva 2009/138/KE kif ukoll ir-rekwiżiti ta' ġbir ta' dejta addizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament, skont id-dritt nazzjonali u t-termini armonizzati ta' referenza kif jista' jiddefinihom il-BĊE.

▼B

*Artikolu 4*

**Derogi**

1. Fid-diskrezzjoni ta’ kull BĊN rilevanti, id-derogi li ġejjin jistgħu jingħataw lill-aġenti ta’ rappurtar attwali:

(a) fl-Istati Membri taż-żona tal-euro b’investimenti totali f’titoli b’kodiċi ISIN minn investituri residenti li fil-valur tas-suq huma inqas minn jew daqs EUR 40 biljun:

(i) ►M1 il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji mir-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fl-Artikolu 3(1), sakemm f'termini ta' pożizzjonijiet il-kontribuzzjoni kkumbinata għal kull settur jew subsettur ta' IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji eżentati lill-investimenti nazzjonali ta' IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji, rispettivament, ma taqbiżx l-40 %. ◄ FVCs li ma jirrappurtawx dejta titolu b’titolu b’konformità mar-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30) għandhom ikollhom id-dritt, skont l-istruzzjonijiet tal-BĊNi tagħhom, li jaqbżu dan il-limitu minimu għall-ewwel sentejn wara l-bidu tar-rappurtar skont dan ir-Regolament;

(ii) il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-kustodji mir-rekwiżiti ta’ rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(a), sakemm f’termini ta’ pożizzjonijiet il-kontribuzzjoni kkombinata ta’ kustodji eżentati lill-ammont nazzjonali ta’ titoli miżumin f’kustodja ma taqbiżx l-40 %;

(b) fi Stati Membri taż-żona tal-euro b’investimenti totali ta’ titoli b’kodiċi ISIN minn investituri residenti li fil-valur tas-suq huma ogħla minn EUR 40 biljun:

▼M1

(i) Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji mir-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fl-Artikolu 3(1), sakemm f'termini ta' pożizzjonijiet il-kontribuzzjoni kkumbinata għal kull settur jew subsettur ta' IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji eżentati lill-investimenti nazzjonali ta' IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji, rispettivament ma taqbiżx il-5 %;

▼B

(ii) il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil kustodji mir-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(a), sakemm f’termini ta’ pożizzjonijiet il-kontribuzzjoni kkumbinata ta’ kustodji eżentati għall-ammont nazzjonali ta’ titoli miżmumin f’kustodja ma taqbiżx il-5 %;

(c) Il-BĊNi għandhom jikkonsultaw lill-BĊE fuq l-użu ta’ informazzjoni għall-identifikazzjoni tal-investimenti totali ta’ titoli fil-valur tas-suq meħtieġa biex jagħtu derogi skont dan il-paragrafu.

▼M1

2. Il-BĊNi jistgħu jistgħu jeżentaw lis-CIs totalment jew parzjalment minn rekwiżiti ta' rapportar, sakemm il-kontribut ikkombinat għall-ammont totali ta' titoli miżmuma minn CIs eżenti fl-Istat Membru relevanti taż-żona tal-euro f'termini ta' pożizzjonijiet ma jaqbiżx il-5 %; Dan il-limitu minimu jista' madankollu jiżdied għal 15 % għall-ewwel sentejn wara l-bidu tar-rapportar taħt dan ir-Regolament.

2a. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil ICs mir-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fl-Artikolu 3(1) kif ġej:

(a) il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil ICs fuq il-bażi ta' investimenti totali f'titoli b'kodiċi ISIN miżmuma minn ICs, sakemm il-kontribuzzjoni kkumbinata miżmuma minn ICs eżentati lill-ammont totali ta' titoli fl-Istati Membri taż-żona tal-euro rilevanti f'termini ta' pożizzjonijiet ma taqbiżx il-5 %; jew

(b) il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil ICs fuq il-bażi ta' investimenti totali f'titoli b'kodiċi ISIN miżmuma minn ICs, sakemm:

(i) il-kontribuzzjoni kkombinata miżmuma minn ICs eżentati lill-ammont totali ta' titoli fl-Istati Membru taż-żona tal-euro rilevanti f'termini ta' pożizzjonijiet ma jaqbiżx l-20 %; u

(ii) id-dejta rrapportata direttament minn ICs skont l-Artikolu 3(1) u d-dejta rapportata mill-kustodji b'referenza għall-investimenti minn ICs li mhumiex suġġetti għal rapportar dirett, flimkien ikopru, fuq bażi ta' titolu b'titolu, 95 % jew iżjed tat-total ta' investimenti f'titoli minn ICs b'kodiċi ISIN, f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro.

3. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-MMFs kollha mir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 3(1), sakemm l-investimenti totali tat-titoli tagħhom b'kodiċi ISIN ikunu ta' inqas minn 2 % tat-titoli miżmumin mill-MMFs taż-żona tal-euro.

4. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-FVCs kollha mir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 3(1), sakemm l-investimenti totali tat-titoli tagħhom b'kodiċi ISIN ikunu jirrappreżentaw inqas minn 2 % tat-titoli miżmumin mill-FVCs taż-żona tal-euro.

▼B

5. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu li jagħtu d-derogi li ġejjin lill-kustodji:

(a) Il-BĊNi jistgħu jeżentaw għal kollox jew parzjalment lil kustodji mir-rekwiżiti ta’ rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(a), sakemm id-dejta msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) tista’ tiġi dderivata minn sorsi oħrajn ta’ dejta statistika jew superviżorja, skont l-istandards statistiċi minimi speċifikati fl-Anness III. Barra minn hekk japplika dan li ġej:

(i) fi Stati Membri fejn japplikaw derogi skont il-paragrafu 1(a), u fejn id-dejta msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) hija rrappurtata direttament mill-investituri, din id-dejta għandha tkopri bħala minimu fuq bażi ta’ titolu b’titolu 60 % tal-ammont ta’ titoli msemmijin fl-Artikolu 3(2)(a);

▼B

(ii) fi Stati Membri fejn japplikaw derogi skont il-paragrafu 1(b), u fejn id-dejta msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) hija rrappurtata direttament minn investituri, din id-dejta għandha tkopri bħala minimu fuq bażi ta' titolu b'titolu 75 % tal-ammont ta' titoli msemmijin fl-Artikolu 3(2)(a).

(b) Il-BĊNi jistgħu jeżentaw parzjalment jew għal kollox mir-rekwiżiti ta' rappurtar stipulati fl-Artikolu 3(2)(b) u (c) kustodji li jkollhom ammont totali ta' titoli f'isem l-investituri kollha li mhumiex residenti li huwa taħt EUR 10 biljun.

▼M1

(c) Il-BĊNi jistgħu jeżentaw kustodji għal kollox jew parzjalment mir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 3(2a), sakemm id-dejta rrapportata direttament minn ICs skont l-Artikolu 3(1) u d-dejta rapportata mill-kustodji b'referenza għall-investimenti minn ICs li mhumiex suġġetti għal rapportar dirett, flimkien ikopru, fuq bażi ta' titolu b'titolu, 95 % jew iżjed tat-total ta' investimenti f'titoli ICs b'kodiċi ISIN, f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro.

▼B

6. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu li lill-kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar jagħtuhom derogi mir-rekwiżiti ta' rappurtar stipulati fl-Artikolu 3(3) kif ġej:

(a) Il-BĊNi jistgħu jawtorizzaw lill-kapijiet tal-gruppi ta' rappurtar biex jirrappurtaw fuq bażi ta' titolu b'titolu tagħrif statistiku li jkopri 95 % tal-ammont ta' titoli b'kodiċi ISIN miżmum mill-grupp tagħhom, skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, sakemm il-bqija ta' 5 % tat-titoli miżmumin mill-grupp ma jinħarġux minn emittent wieħed;

(b) Il-BĊNi jistgħu jitolbu lill-kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar biex jipprovdu iktar informazzjoni fuq it-tip ta' titoli esklużi mir-rappurtar skont il-punt (a).

▼M1

6a. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu li jagħtu derogi lil kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar mir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 3(8) sakemm il-BĊNi jkunu jistgħu jiksbu dejta li għandha tiġi rrapportata minn kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar minn dejta miġbura minn sorsi oħrajn.

7. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu li jagħtu derogi mir-rekwiżiti ta' rappurtar skont dan ir-Regolament jekk l-aġenti ta' rappurtar attwali jirrapportaw l-istess dejta skont ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32), ir-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8), ir-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30), jew ir-Regolament (UE) Nru 1374/2014 (BĊE/2014/50), jew jekk il-BĊNi jistgħu jisiltu b'mod ieħor l-istess dejta, skont l-istandards statistiċi minimi speċifikati fl-Anness III.

▼B

8. Fir-rigward ta' aġenti ta' rappurtar attwali li għalihom tapplika deroga msemmija fil-paragrafi 1, 2 3 jew 4, il-BĊNi għandhom ikomplu jiġbru dejta fuq bażi annwali dwar l-ammont ta' titoli li jżommu jew ikollhom f'kustodja skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1), jew fuq bażi aggregata jew fuq bażi ta' titolu b'titolu.

9. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 7, kif inhu applikabbli, għall-finijiet li tingħata, tiġġedded jew tiġi rtirata, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena kalendarja.

10. Il-BĊN rilevanti għandu jirtira kwalunkwe deroga mogħtija lill-kustodji skont il-paragrafu 5(a) jekk dejta minn sorsi ta' dejta statistika jew superviżorja oħra li tissodisfa l-istandards statistiċi minimi speċifikati fl-Anness III ma tkunx tpoġġiet għad-dispożizzjoni tiegħu fil-ħin għal tliet perijodi ta' rappurtar konsekuttivi, irrispettivament jekk hemmx ħtija min-naħa tal-kustodji. Il-kustodji għandhom jibdew jirrappurtaw dejta, kif stabbilit fl-Artikolu 3(2), mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data meta l-BĊN rilevanti jinnotifikahom li d-deroga ġiet irtirata.

11. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu li jindirizzaw rekwiżiti ta' rappurtar *ad hoc* lil aġenti ta' rappurtar attwali li ngħataw derogi skont dan l-Artikolu, skont il-livell ta' dettall li huma jqisu meħtieġ. Aġenti ta' rappurtar attwali għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni mitluba fuq bażi *ad hoc* fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta ssir talba mill-BĊN rilevanti.

12. Aġenti ta' rappurtar attwali jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux użu minn derogi mogħtija mill-BĊNi u biex, minflok, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar sħaħ. Aġent ta' rappurtar li ma jużax id-derogi mogħtija minn BĊN rilevanti għandu jikseb il-kunsens tal-BĊN qabel ma jużahom sussegwentement.

*Artikolu 5*

**Regoli ta' kontabbiltà**

1. Sakemm ma jiġix ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament, ir-regoli ta' kontabbilità segwiti mill-aġenti ta' rappurtar attwali għall-finijiet ta' rappurtar skont dan ir-Regolament għandhom ikunu dawk preskritti fit-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn [1] jew, jekk din ma tapplikax, fi standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li japplikaw għall-aġenti ta' rappurtar attwali.

2. Bla ħsara għall-prattiċi ta' kontabbiltà nazzjonali investimenti f'titoli għandhom jiġu rrappurtati f'valur nominali jew bħala numru ta' ishma. Il-valuri tas-suq jistgħu jiġu rrappurtati wkoll, kif indikat fil-Parti 4 tal-Anness II.

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Volum 1, p. 157-173.

▼B

3. Bla ħsara għall-prattiċi ta' kontabbiltà nazzjonali u arranġamenti ta' *netting*, investimenti f'titoli għandhom jiġu rrappurtati fuq bażi gross għall-finijiet ta' statistika.

4. Investimenti f'titoli mislufin skont operazzjonijiet ta' self ta' titoli, jew mibjugħin skont ftehim ta' xiri mill-ġdid, għandhom jibqgħu rreġistrati bħala investimenti mill-proprjetarju oriġinali (u mhux bħala investimenti tal-akkwirent temporanju) fejn hemm impenn sod biex tiġi rriversjata l-operazzjoni (u mhux sempliċi għażla li jsir hekk). Meta l-akkwirent temporanju jbiegħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ jiġi rreġistrat bħala bejgħ assolut f'titoli u rrappurtat mill-akkwirent temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli.

*Artikolu 6*

**Iż-żmien applikabbli għar-rappurtar**

1. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu meta jkollhom bżonn li jirċievu dejta minn aġenti ta' rappurtar attwali biex ikunu jistgħu jwettqu l-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità meħtieġa u biex iħarsu l-iskadenzi fil-paragrafu 2.

2. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu lill-BĊE għall-aġenti ta' rappurtar attwali:

(a) dejta trimestrali titolu b'titolu b'konformità mal-Artikolu 3(1), (2) u (5) sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol fis-70 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-dejta; jew

(b) dejta titolu b'titolu ta' kull xahar b'konformità mal-Artikolu 3(5) u l-Parti 1 tal-Anness I, skont waħda mill-għażliet ta' hawn taħt:

  (i) fuq bażi trimestrali għat-tliet xhur tat-trimestru ta' referenza, sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol fit-63 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-dejta; jew

  (ii) fuq bażi ta' kull xahar għal kull xahar tat-trimestru ta' referenza, sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol fit-63 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi d-dejta; u

(c) pożizzjonijiet trimestrali titolu b'titolu skont l-Artikolu 3(3) sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol:

  (i) mill-2013 sal-2015: fis-70 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-dejta; u

  (ii) mill-2016: fil-55 jum tal- kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-dejta.

3. Meta skadenza msemmija fil-paragrafu 2 tiġi f'jum li t-TARGET2 tkun magħluqa, l-iskadenza għandha tiġi estiża għall-jum tax-xogħol tat-TARGET2 li jmiss, kif imħabbar fuq il-websajt tal-BĊE.

▼B

*Artikolu 7*

**Standards minimi u arranġamenti ta' rappurtar nazzjonali**

1. L-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rappurtar li huma suġġetti għalihom skont l-istandards minimi speċifikati fl-Anness III.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti ta' rappurtar li għandhom jiġu segwiti mill-aġenti ta' rappurtar attwali b'konformità ma' karatterisitċi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu jekk jeħtieġux li l-kustodji jirrappurtaw dejta titolu b'titolu fuq il-bażi ta' investitur b'investitur. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti ta' rappurtar jipprovdu t-tagħrif statistiku meħtieġ u jippermettu li ssir il-verifika ta' jekk humiex sodisfatti l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

▼M1

*Artikolu 7a*

**Fużjonijiet, diviżjonijet u riorganizzazzjonijiet**

Fil-każ ta' fużjoni, diviżjoni jew riorganizzazzjoni li tista' taffettwa t-twettiq ta' obbligi statistiċi, l-aġenti ta' rappurtar ikkonċernati għandhom jinformaw lill-BĊN relevanti, ladarba l-intenzjoni biex tiġi implimentata dik l-operazzjoni tkun saret pubblika u fiż-żmien dovut qabel ma sseħħ, bil-proċeduri li huma ppjanati biex jitwettqu r-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼B

*Artikolu 8*

**Verifika u ġbir obbligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-drittijiet biex jivverifikaw, skont il-livell ta' dettall meqjus neċessarju mill-BĊN rilevanti, jew biex jiġbru, l-informazzjoni li l-aġenti ta' rappurtar attwali huma meħtieġa li jipprovdu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, bla ħsara għad-dritt tal-BĊE li jeżerċita dawn id-drittijiet innifsu. Dawn id-drittijiet għandhom b'mod partikolari jiġu eżerċitati mill-BĊNi meta aġenti ta' rappurtar attwali ma jissodisfawx l-istandards minimi speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 9*

**Proċedura ta' emenda simplifikata**

Wara li jkun ikkunsidra l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jagħmel emendi tekniċi fl-annessi ta' dan ir-Regolament, sakemm la jibdlu l-qafas konċettwali sottostanti u lanqas jeffettwaw il-piż ta' rappurtar fuq l-aġenti ta' rappurtar attwali. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull emenda bħal din mingħajr dewmien żejjed.

▼B

*Artikolu 10*

**L-ewwel rappurtar**

L-ewwel rappurtar bis-saħħa ta’ dan ir-Regolament għandu jibda bid-dejta li tirrigwarda l-perijodu ta’ referenza Diċembru 2013. L-ewwel darba li l-BĊNi jirrappurtaw lill-BĊE, ikunu meħtieġa li jippreżentaw biss dejta fuq pożizzjonijiet.

▼M1

*Artikolu 10a*

**L-ewwel rapportar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2015/730 (BĊE/2015/18)** (1)

1. L-ewwel rapportar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2015/730 (BĊE/2015/18) għandu jibda b'dejta li tirrigwarda l-perijodu ta' referenza Marzu 2015, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Artikolu.

2. L-ewwel rapportar minn ICs skont l-Artikolu 3(1) għandu jibda bid-dejta li tirrigwarda l-perijodu ta' referenza Marzu 2016.

3. L-ewwel rapportar minn kustodji skont l-Artikolu 3(2a) għandu jibda bid-dejta li tirrigwarda l-perijodu ta' referenza Marzu 2016.

4. L-ewwel rapportar minn ICs skont l-Artikolu 3(2b) għandu jibda bid-dejta annwali li tirrigwarda s-sena ta' referenza 2016.

▼B

*Artikolu 11*

**Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/730 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1011/2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24)(BĊE/2015/18) (ĠU L 116, 7.5.2015, p. 5).

▼B

*ANNESS I*

## REKWIŻITI TA' RAPPURTAR STATISTIKU

PARTI 1

### Tranżazzjonijiet finanzjarji

1. ►M1 L-IFMs, l-IFs u l-kustodji li jirrapportaw dejta fuq investimenti proprji f'titoli jew fuq titoli li jżommu f'kustodja f'isem investituri residenti għandhom jipprovdu t-tagħrif statistiku skont wieħed mill-metodi li ġejjin: ◄

   (a) fuq bażi ta' kull xahar jew trimestrali, tranżazzjonijiet finanzjarji titolu b'titolu ta' kull xahar jew trimestrali u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, tibdil ieħor fil-volum għax-xahar jew trimestru ta' riferenza; jew

   (b) fuq bażi ta' kull xahar jew trimestrali, pożizzjonijiet titolu b'titolu ta' kull xahar u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, tibdil ieħor fil-volum għax-xahar ta' riferenza jew għat-tliet xhur tat-trimestru ta' referenza.

2. ►M1 l-FVCs u l-ICs jipprovdu t-tagħrif statistiku skont wieħed mill-metodi li ġejjin: ◄

   (a) fuq bażi ta' kull xahar, tranżazzjonijiet finanzjarji trimestrali titolu b'titolu u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, tibdil ieħor fil-volum għat-trimestru ta' referenza; jew

   (b) fuq bażi ta' kull xahar jew trimestrali, pożizzjonijiet titolu b'titolu ta' kull xahar u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, tibdil ieħor fil-volum għax-xahar ta' referenza jew għat-tliet xhur tat-trimestru ta' referenza; jew

   (c) fuq bażi trimestrali, pożizzjonijiet trimestrali titolu b'titolu u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, tibdil ieħor fil-volum għat-trimestru ta' referenza.

3. Kustodji li jirrappurtaw (i) titoli li huma jżommu f'kustodja f'isem investituri residenti mhux finanzjarji fi Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro, u (ii) titoli maħruġin minn entitajiet taż-żona tal-euro li jżommu f'kustodja f'isem investituri residenti fl-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro u ta' investituri residenti barra l-Unjoni, jipprovdu t-tagħrif statistiku skont wieħed mill-metodi stabbiliti fil-paragrafu 2.

▼M1

PARTI 2

### Dejta fuq investimenti f'titoli proprji b'kodiċi ISIN minn IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji

Għal kull titolu li jkun ġie assenjat kodiċi ISIN ikklassifikat skont il-kategorija ta' titolu 'titoli ta' dejn' (F.3), 'ishma kkwotati' (F.511) jew 'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment' (F.52), dejta għall-oqsma fit-tabella ta' hawn taħt tiġi rrapportata mill-investituri finanzjarji li jappartjenu lill-IFMi, l-IFs, l-FVCs jew ICs u mill-kustodji b'referenza għall-investimenti proprji f'titoli. Dawn jiġu rrapportati skont ir-regoli li ġejjin u f'konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II:

(a) tiġi rrapportata dejta għall-oqsma 1 u 2;

(b) dejta tiġi rrapportata skont jew il-punt (i) jew (ii) kif ġej:

   (i) jekk IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji jirrapportaw tranżazzjonijiet finanzjarji titolu b'titolu, tiġi rrapportata dejta għall-oqsma 5 u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, 6; jew

   (ii) jekk IFMi, IFs, FVCs, ICs u kustodji ma jirrapportawx tranżazzjonijiet finanzjarji titolu b'titolu, tiġi rrapportata dejta għall-qasam 6, meta mitlub mill-BĊN rilevanti.

▼M1

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel li jitlob li l-investituri finanzjarji li jappartjenu lill-IFMi, l-IFs, il-FVCs, l-ICs u lill-kustodji jirrapportaw dejta għall-oqsma 1 u 3 minflok dejta skont il-punt (a). F'dan il-każ, minflok dejta skont il-punt (b), tiġi rrapportata wkoll dejta għall-oqsma 5 u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, 7.

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel li jitlob li l-investituri finanzjarji li jappartjenu lill-IFMi, lill-IFs, lill-FVCs, lill-ICs u lill-kustodji jirrapportaw dejta għall-oqsma 2b, 3 u 4.

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1 | Kodiċi ISIN |
| 2 | Numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat |
| 2b | Bażi ta' kwotazzjoni |
| 3 | Valur tas-suq |
| 4 | Investiment f'portafoll jew investiment dirett |
| 5 | Transazzjonijiet finanzjarji |
| 6 | Bidliet oħra fil-volum b'valur nominali |
| 7 | Bidliet oħra fil-volum b'valur tas-suq |

▼B

PARTI 3

**Dejta fuq titoli b'kodiċi ISIN miżmuma f'kustodja f'isem investituri mhux finanzjarji residenti u investituri finanzjarji oħrajn mhux meħtieġa li jirrappurtaw l-investimenti f'titoli proprji**

Il-kustodji jirrappurtaw, għal kull titolu li jkun ġie assenjat kodiċi ISIN ikklassifikat taħt il-kategorija ta' titoli 'titoli ta' dejn' (F.3), 'ishma kkwotati' (F.511) jew 'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment' (F.52), li jkollhom fil-kustodja f'isem investituri mhux finanzjarji u investituri finanzjarji oħrajn li ma jirrappurtawx l-investimenti f'titoli proprji, dejta għall-oqsma fit-tabella ta' hawn taħt. Jirrappurtaw skont ir-regoli li ġejjin u f'konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II:

(a) dejta tiġi rrappurtata għall-oqsma 1, 2, u 3

(b) dejta tiġi rrappurtata skont il-punt (i) jew (ii) kif ġej:

(i) jekk il-kustodji jirrappurtaw tranżazzjonijiet finanzjarji titolu b'titolu, tiġi rrappurtata dejta għall-oqsma 6 u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, 7; jew

(ii) jekk il-kustodji ma jirrappurtawx tranżazzjonijiet finanzjarji titolu b'titolu tiġi rrappurtata dejta għall-qasam 7, meta mitlub mill-BĊN rilevanti.

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel li jitlob li kustodji jirrappurtaw dejta għall-oqsma 1, 3 u 4 minflok dejta skont il-punt (a). F'dan il-każ, minflok dejta skont il-punt (b), tiġi rrappurtata wkoll dejta għall-oqsma 6 u, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, 8.

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel ukoll li jitlob li l-kustodji jirrappurtaw dejta għall-oqsma 2b, 4 u 5.

▼M1

Kustodji li jirrapportaw l-investimenti ta' ICs skont l-Artikolu 3(2a) għandhom jirrapportaw ukoll dejta għall-qasam 9 jew il-qasam 10.

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1 | Kodiċi ISIN |
| 2 | Numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat |
| 2b | Bażi ta' kwotazzjoni |
| 3 | Settur tad-detentur:<br>— Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)<br>— Fondi ta' pensjoni (S.129)<br>— Intermedjarji finanzjarji oħrajn (S.125) bl-esklużjoni ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura, involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, awżiljarji finanzjarji (S.126), istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus (S.127)<br>— Korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (subdiviżjoni ta' S.125)<br>— Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)<br>— Gvern ġenerali (S.13) (1)<br>— Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu lil unitajiet domestiċi (S.14+S.15) (2) |
| 4 | Valur tas-suq |
| 5 | Investiment f'portafoll jew investiment dirett |
| 6 | Transazzjonijiet finanzjarji |
| 7 | Bidliet oħra fil-volum b'valur nominali |
| 8 | Bidliet oħra fil-volum b'valur tas-suq |
| 9 | Istituzzjoni detentriċi |
| 10 | L-istituzzjoni detentriċi hija soġġetta għal rapportar dirett |

(1) Meta disponibbli, is-subsetturi 'gvern ċentrali' (S.1311), 'gvern statali' (S.1312), 'gvern lokali' (S.1313) u 'fondi tas-sigurtà soċjali' (S.1314) huma rrapportati u identifikati separatament.

(2) Il-BĊN rilevanti jista' jitlob li aġenti ta' rapportar attwali jidentifikaw separatament is-subsetturi 'unitajiet domestiċi' (S.14) u 'istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu lil unitajiet domestiċi' (S.15).

▼B

## PARTI 4

### Dejta fuq titoli b'kodiċi ISIN miżmuma f'kustodja f'isem investituri residenti fi Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro

Il-kustodji jirrappurtaw, għal kull titolu li ġie assenjat kodiċi ISIN ikklassifikat taħt il-kategorija ta' titoli 'titoli ta' dejn' (F.3), 'ishma kkwotati' (F.511) jew 'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment' (F.52), li jkollhom fil-kustodja f'isem investituri mhux finanzjarji residenti fi Stati Membri taż-żona tal-euro oħrajn, dejta għall-oqsma fit-tabella ta' hawn taħt. Jirrappurtaw skont ir-regoli li ġejjin u f'konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II:

(a) dejta tiġi rrappurtata għall-oqsma 1, 2, 3 u 4;

▼B

(b) dejta tiġi rrappurtata għall-qasam 7, meta mitluba mill-BĊE rilevanti.

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel li jitlob li kustodji jirrappurtaw dejta għall-oqsma 1, 3, 4 u 5 minflok dejta skont il-punt (a). F'dan il-każ, meta tintalab mill-BĊN rilevanti, minflok dejta skont il-punt (b), tiġi rrappurtata wkoll dejta għall-qasam 8.

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel li jitlob li l-kustodji jirrappurtaw dejta għall-oqsma 2b, 5, 6 u 9.

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1 | Kodiċi ISIN |
| 2 | Numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat |
| 2b | Bażi għall-ikkwotar |
| 3 | Settur tad-detentur:<br>— Djar (S.14)<br>— Investituri mhux finanzjarji bl-esklużjoni ta' djar |
| 4 | Pajjiż tad-detentur |
| 5 | Valur tas-suq |
| 6 | Investiment tal-portafoll jew investiment dirett |
| 7 | Tibdil ieħor fil-volum f'valur nominali |
| 8 | Tibdil ieħor fil-volum f'valur tas-suq |
| 9 | Tranżazzjonijiet finanzjarji |

PARTI 5

**Dejta fuq titoli b'kodiċi ISIN maħruġin minn residenti taż-żona tal-euro u miżmuma f'kustodja f'isem investituri residenti fi Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro jew barra l-Unjoni**

Il-kustodji jirrappurtaw għal kull titolu maħruġ minn residenti taż-żona tal-euro li jkun ġie assenjat kodiċi ISIN ikklassifikat taħt il-kategorija ta' titolu 'titoli ta' dejn' (F.3), 'ishma kkwotati' (F.511) jew 'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment' (F.52), li jkollhom fil-kustodja f'isem investituri residenti fi Stati Membri mhux taż-żona tal-euro jew barra l-Unjoni, dejta għall-oqsma fit-tabella hawn taħt. Jirrappurtaw skont ir-regoli li ġejjin u f'konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II:

(a) dejta tiġi rrappurtata għall-oqsma 1, 2, 3 u 4;

(b) dejta tiġi rrappurtata għall-qasam 7, meta mitluba mill-BĊE rilevanti.

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel li jitlob li kustodji jirrappurtaw dejta għall-oqsma 1, 3, 4 u 5 minflok dejta skont il-punt (a). F'dan il-każ, meta mitlub mill-BĊN rilevanti, minflok dejta skont il-punt (b), tiġi rrappurtata wkoll dejta għall-qasam 8.

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel ukoll li jeħtieġ li l-kustodji jirrappurtaw dejta għall-oqsma 2b, 5, 6 u 9.

▼B

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1 | Kodiċi ISIN |
| 2 | Numru ta’ unitajiet jew valur nominali aggregat |
| 2b | Bażi għall-ikkwotar |
| 3 | Settur tad-detentur ([1]):<br>— Il-Gvern ġenerali u l-bank ċentrali<br>— Investituri oħrajn ħlief għall-gvern ġenerali u l-bank ċentrali |
| 4 | Pajjiż tad-detentur |
| 5 | Valur tas-suq |
| 6 | Investiment tal-portafoll jew investiment dirett |
| 7 | Tibdil ieħor fil-volum f’valur nominali |
| 8 | Tibdil ieħor fil-volum f’valur tas-suq |
| 9 | Transazzjonijiet finanzjarji |

([1]) Il-klassifikazzjoni tas-setturi li hemm fis-Sistema ta’ Kontijiet Nazzjonali 1993 tapplika f’dan il-każ billi l-ESA ma tapplikax.

## PARTI 6

**Dejta fuq investimenti f’titoli b’kodiċi ISIN minn gruppi ta’ rappurtar**

Il-kapijiet ta’ gruppi ta’ rappurtar jipprovdu t-tagħrif statistiku skont wieħed mill-metodi ta’ rappurtar li ġejjin:

(a) investimenti f’titoli għall-grupp kollu kemm hu; jew

(b) investimenti f’titoli minn entitajiet tal-grupp residenti fil-pajjiż fejn jinsab il-kap separatament mill-investimenti f’titoli minn entitajiet tal-grupp mhux residenti fil-pajjiż fejn jinsab il-kap; jew

(c) investimenti f’titoli separatament minn kull entità tal-grupp.

Il-kapijiet ta’ gruppi ta’ rappurtar jirrappurtaw għal kull titolu li jkun ġie assenjat kodiċi ISIN ikklassifikat taħt il-kategorija ta’ titolu ‘titoli ta’ dejn’ (F.3), ‘ishma kkwotati’ (F.511) jew ‘ishma jew unitajiet ta’ fond ta’ investiment’ (F.52), li jinżamm mill-grupp, dejta għall-oqsma fit-tabella ta’ hawn taħt. Huma jirrappurtaw skont ir-regoli li ġejjin u f’konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II:

(a) dejta tiġi rrappurtata għall-oqsma 1 u 2;

(b) dejta taħt (a) tiġi rrappurtata skont waħda mill-għażliet li ġejjin:

(i) aggregata għall-grupp kollu; jew

(ii) separatament għall-entitajiet residenti u mhux residenti tal-grupp. F’dan il-każ tiġi rrappurtata wkoll dejta għall-qasam 4; jew

(iii) separatament minn kull entità tal-grupp. F’dan il-każ, tiġi rrappurtata wkoll dejta għall-qasam 5.

▼M1

Il-BĊN rilevanti jista' jagħżel ukoll li jeħtieġ lill-kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar biex jirrapportaw dejta għall-oqsma 2b u 3 u 6.

▼M1

<table>
<tr><th>Qasam</th><th>Deskrizzjoni</th><th colspan="3">Għażliet ta' rappurtar alternattivi</th></tr>
<tr><td>1</td><td>Kodiċi ISIN</td><td rowspan="4">(i) Livell ta' Grupp</td><td rowspan="5">(ii) Entitajiet residenti u entitajiet mhux residenti identifikati separatament</td><td rowspan="6">(iii) Skont l-entità</td></tr>
<tr><td>2</td><td>Numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat</td></tr>
<tr><td>2b</td><td>Bażi ta' kwotazzjoni</td></tr>
<tr><td>3</td><td>Valur tas-suq</td></tr>
<tr><td>4</td><td>Entitajiet residenti/ entitajiet mhux residenti</td><td rowspan="2"></td></tr>
<tr><td>5</td><td>Entità tal-grupp</td><td></td></tr>
<tr><td>6</td><td>L-emittent huwa parti mill-grupp ta' rappurtar</td><td></td><td></td><td></td></tr>
</table>

▼B

## PARTI 7

### Dejta fuq investimenti f'titoli mingħajr kodiċi ISIN

▼M1

Għal kull titolu li ma ġiex assenjat kodiċi ISIN ikklassifikat taħt il-kategorija ta' titolu 'titoli ta' dejn għal żmien qasir' (F.31), 'titoli ta' dejn għal żmien twil' (F.32), 'ishma kkwotati' (F.511) jew 'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment' (F.52), dejta għall-oqsma fit-tabella ta' hawn taħt tista' tiġi rrapportata minn investituri finanzjarji li jappartjenu lill-IFMi, l-IFs u l-FVCs, l-ICs u mill-kustodji. Huma jirrapportaw skont ir-regoli li ġejjin u f'konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II:

▼B

(a) Għal investituri li jirrappurtaw dejta fuq l-investimenti f'titoli tagħhom, tista' tiġi rrappurtata dejta trimestrali jew ta' kull xahar kif ġej:

▼M1

(i) dejta għall-oqsma 1 sa 4 (tista' tiġi rrapportata dejta għall-qasam 5 minflok għall-oqsma 2 u 4), għall-oqsma 6, 7 u 9 sa 15, u jew għall-qasam 16 jew għall-oqsma 17 u 18, matul it-trimestru jew ix-xahar ta' referenza, fuq bażi ta' titolu b'titolu bl-użu ta' numru ta' identifikazzjoni bħal CUSIP, SEDOL, numru ta' identifikazzjoni ta' BĊN, eċċ; jew

(ii) dejta aggregata għall-oqsma 2 sa 4 (tista' tiġi rrapportata dejta għall-qasam 5 minflok l-oqsma 2 u 4), għall-oqsma 6, 7, u 9 sa 15, u jew dejta għall-qasam 16 jew għall-oqsma 17 u 18, matul it-trimestru jew xahar ta' referenza.

(b) Għall-kustodji li jirrapportaw dejta fuq titoli li jżommu f'isem investituri finanzjarji residenti li mhux mitluba jirrapportaw l-investimenti tagħhom f'titoli u f'isem investituri mhux finanzjarji, tista' tiġi rrapportata dejta trimestrali jew ta' kull xahar kif ġej:

(i) dejta għall-oqsma 1 sa 4 (tista' tiġi rrapportata dejta għall-qasam 5 minflok l-oqsma 2 u 4), għall-oqsma 6, 7 u 8 sa 15, u jew għall-qasam 16 jew għall-oqsma 17 u 18, matul it-trimestru jew ix-xahar ta' referenza, fuq bażi ta' titolu b'titolu bl-użu ta' numru ta' identifikazzjoni bħal CUSIP, SEDOL, numru ta' identifikazzjoni ta' BĊN, eċċ; jew

(ii) dejta aggregata għall-oqsma 2 sa 4 (tista' tiġi rraportata dejta għall-qasam 5 minflok l-oqsma 2 u 4), għall-oqsma 6 u 8 sa 15, u jew dejta għall-qasam 16, jew inkella għall-oqsma 17 u 18, matul is-semestru jew xahar ta' referenza.

▼M1

Kustodji li jirrapportaw l-investimenti ta' ICs skont l-Artikolu 3(2a) għandhom jirrapportaw ukoll dejta għall-qasam 22 jew il-qasam 23.

(c) Għal kapijiet ta' gruppi bankarji li jirrapportaw dejta dwar titoli li jinsabu miżmumin mill-grupp tagħhom, inklużi entitajiet mhux residenti, id-dejta trimestrali tista' tiġi rrapportata kif ġej:

(i) dejta għall-oqsma 1 sa 4 (tista' tiġi rrrapportata dejta għall-qasam 5 minflok l-oqsma 2 u 4), u għall-oqsma 6 u 9 sa 15, matul it-trimestru ta' referenza, fuq bażi ta' titolu b'titolu, bl-użu ta' numru ta' identifikazzjoni bħal CUSIP, SEDOL, numru ta' identifikazzjoni ta' BĊN, eċċ.; jew

(ii) dejta aggregata għall-oqsma 2 sa 4 (tista' tiġi rrapportata dejta għall-qasam 5 minflok l-oqsma 2 u 4) u għall-oqsma 6 u 9 sa 15, matul it-trimestru ta' referenza.

Dejta taħt (i) u (ii) tiġi rrapportata skont waħda mill-għażliet li ġejjin:

(i) aggregata għall-grupp kollu; jew

(ii) separatament għall-entitajiet residenti u mhux residenti tal-grupp. F'dan il-każ tiġi rrapportata wkoll dejta għall-qasam 19; jew

(iii) separatament minn kull entità tal-grupp. F'dan il-każ, dejta għall-qasam 20 tiġi rrapportata wkoll.

Il-BĊN rilevanti jista' jeħtieġ lil kapijiet ta' gruppi ta' rappurtar jirrapportaw ukoll dejta għall-qasam 21.

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1 | Kodiċi ta' identifikazzjoni ta' titolu (numru ta' identifikazzjoni ta' BĊN, CUSIP, SEDOL, oħrajn) |
| 2 | Numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat (1) |
| 3 | Bażi ta' kwotazzjoni |
| 4 | Valur tal-prezz |
| 5 | Valur tas-suq |
| 6 | Strument:<br>— Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.31)<br>— Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil (F.32)<br>— Ishma kkwotati (F.511)<br>— Ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment (F.52) |
| 7 | Settur jew subsettur ta' investituri li jirrapportaw dejta fuq investimenti f'titoli proprji:<br>— Bank ċentrali (S.121);<br>— Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għal bank ċentrali (S.122)<br>— Fondi ta' suq tal-flus (S.123)<br>— Fondi ta' investiment ħlief għall-fondi ta' suq tal-flus (S.124)<br>— Korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (subdiviżjoni ta' S.125)<br>— Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) |

▼M1

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 8 | Settur jew subsettur tal-investituri rapportat minn kustodji:<br>— Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn bl-esklużjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, fondi ta' investiment, korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125+S.126+S.127)<br>— Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)<br>— Fondi tal-pensjoni (S.129)<br>— Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)<br>— Gvern ġenerali (S.13) ([2])<br>— Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14+S.15) ([3]) |
| 9 | Settur jew subsettur tal-emittent:<br>— Bank ċentrali (S.121);<br>— Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għal bank ċentrali (S.122)<br>— Fondi ta' suq tal-flus (S.123)<br>— Fondi ta' investiment ħlief għall-fondi ta' suq tal-flus (S.124)<br>— Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn bl-esklużjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, fondi ta' investiment, korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S.125+S.126+S.127)<br>— Korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (subdiviżjoni ta' S.125)<br>— Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.128+S.129) ([4])<br>— Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)<br>— Gvern ġenerali (S.13)<br>— Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14+S.15) ([5]) |
| 10 | Investiment f'portafoll jew investiment dirett |
| 11 | Tqassim bil-pajjiż tal-investitur |
| 12 | Tqassim bil-pajjiż tal-emittent |
| 13 | Valuta ta' denominazzjoni ta' titoli |
| 14 | Data tal-ħruġ |
| 15 | Data tal-maturità |
| 16 | Transazzjonijiet finanzjarji |
| 17 | Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni |
| 18 | Bidliet oħra fil-volum |
| 19 | Entitajiet residenti/entitajiet mhux residenti |
| 20 | Entità tal-grupp |

▼M1

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 21 | L-emittent huwa parti mill-grupp ta' rappurtar |
| 22 | Istituzzjoni detentriċi |
| 23 | Istituzzjoni detentriċi hija soġġetta għal rapportar dirett |

(1) Għal dejta aggregata: numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat li jkollhom l-istess valur ta' prezz (ara l-qasam 4).
(2) Meta disponibbli, is-subsetturi 'gvern ċentrali' (S.1311), 'gvern statali' (S.1312), 'gvern lokali' (S.1313) u 'fondi tas-sigurtà soċjali' (S.1314) huma rrapportati u identifikati separatament.
(3) Fejn disponibbli, is-subsetturi unitajiet domestiċi (S.14) u istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu l-unitajiet domestiċi (S.15) huma rrapportati u identifikati separatament.
(4) Fejn disponibbli, is-subsetturi korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) u fondi tal-pensjoni (S.129) huma rrapportati u identifikati separatament.
(5) Il-BĊN rilevanti jista' jitlob li aġenti ta' rapportar attwali jidentifikaw separatament is-subsetturi 'unitajiet domestiċi' (S.14) u 'istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu lil unitajiet domestiċi' (S.15).

PARTI 8

**Rapportar annwali ta' investimenti proprji ta' titoli b'kodiċi ISIN minn ICs**

Għal kull titolu li jkun ġie assenjat kodiċi ISIN ikklassifikat skont il-kategorija ta' titolu 'titoli ta' dejn' (F.3), 'ishma kkwotati' (F.511) jew 'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment' (F.52), dejta għall-oqsma fit-tabella ta' hawn taħt jiġu rrapportati minn ICs b'referenza għall-investimenti proprji ta' titoli, fuq bażi annwali. Dawn jiġu rrapportati skont ir-regoli li ġejjin u f'konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II:

(a) jekk ICs jirrapportaw dejta titolu b'titolu, dejta għall-oqsma 1, 2 u 4 jiġu rrapportati;

(b) il-BĊN rilevanti jista' jeħtieġ investituri finanzjarji li jappartjenu lil ICs biex jirrapportaw wkoll dejta għall-oqsma 2b u 3;

(c) jekk ICs jirrapportaw dejta aggregata, dejta għall-oqsma 3 u 4 sa 8 jiġu rrapportati

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1 | Kodiċi ISIN |
| 2 | Numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat |
| 2b | Bażi ta' kwotazzjoni |
| 3 | Valur tas-suq |
| 4 | Tqassim ġeografiku tad-detentur (pajjiżi taż-ŻEE individwali), pajjiżi mhux taż-ŻEE) |
| 5 | Strument:<br>— Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.31)<br>— Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil (F.32)<br>— Ishma kkwotati (F.511)<br>— Ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment (F.52) |

▼M1

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 6 | Settur jew subsettur tal-emittent:<br>— Bank ċentrali (S.121);<br>— Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għal bank ċentrali (S.122)<br>— Fondi ta' suq tal-flus (S.123)<br>— Fondi ta' investiment ħlief għall-fondi ta' suq tal-flus (S.124)<br>— Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn bl-esklużjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, fondi ta' investiment, korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S.125+S.126+S.127)<br>— Korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (subdiviżjoni ta' S.125)<br>— Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.128+S.129) (1)<br>— Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)<br>— Gvern ġenerali (S.13)<br>— Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14+S.15) (2) |
| 7 | Tqassim bil-pajjiż tal-emittent |
| 8 | Valuta ta' denominazzjoni ta' titoli |

(1) Fejn disponibbli, is-subsetturi korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) u fondi tal-pensjoni (S.129) huma rrapportati u identifikati separatament.

(2) Il-BĊN rilevanti jista' jitlob li aġenti ta' rapportar attwali jidentifikaw separatament is-subsetturi 'unitajiet domestiċi' (S.14) u 'istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu lil unitajiet domestiċi' (S.15).

▼B

*ANNESS II*

**DEFINIZZJONIJIET**

PARTI 1

**Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strument**

Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni ddettaljata tal-kategoriji ta' strumenti, li banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jittrasponu f'kategoriji applikabbli fil-livell nazzjonali skont dan ir-Regolament.

▼M1

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 1. Titoli ta' dejn (F.3) | Titoli ta' dejn huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn. Titoli ta' dejn għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:<br><br>(a) data tal-ħruġ li fiha jinħareġ it-titolu tad-dejn;<br><br>(b) prezz tal-ħruġ li bih l-investituri jixtru t-titoli tad-dejn meta jinħarġu l-ewwel darba;<br><br>(c) data ta' fidi jew tal-maturità, li fiha jkun dovut ir-ripagament finali skedat kuntrattwalment tal-prinċipal;<br><br>(d) prezz tal-fidi jew valur nominali, li huwa l-ammont li għandu jitħallas mill-emittent lid-detentur mal-maturità;<br><br>(e) maturità oriġinali, li hija l-perijodu mid-data tal-ħruġ sal-pagament finali skedat kuntrattwalment;<br><br>(f) maturità residwa jew li tibqa', li hija l-perijodu mid-data ta' referenza sal-pagament finali skedat kuntrattwalment;<br><br>(g) rata ta' kupun li l-emittent iħallas lid-detenturi tat-titoli ta' dejn; il-kupun jista' jiġi stabbilit matul il-ħajja tat-titolu ta' dejn jew ivarja bl-inflazzjoni, rati ta' mgħax, jew prezzijiet tal-assi. Kambjali u titoli ta' dejn ta' kupun żero ma joffru l-ebda imgħax b'kupun;<br><br>(h) dati tal-kupun, li fihom l-emittent iħallas il-kupun lid-detenturi tat-titoli;<br><br>(i) il-prezz tal-ħruġ, il-prezz tal-fidi, u r-rata tal-kupun jistgħu jkunu denominati (jew imħallsa) jew fil-munita nazzjonali inkella f'muniti barranin;<br><br>Il-klassifikazzjoni ta' kreditu ta' titoli ta' dejn, li tindika l-affidabbiltà kreditizja ta' ħarġiet ta' titoli ta' dejn individwali, tiġi assenjata minn aġenziji rikonoxxuti fuq il-bażi ta' kategoriji ta' klassifikazzjoni. |

▼M1

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-punt (c), id-data tal-maturità tista tikkoinċidi mal-konverżjoni ta' titolu ta' dejn f'sehem. F'dan il-kuntest, il-konvertibbiltà tfisser li d-detentur jista' jiskambja titolu tad-dejn mal-ekwità komuni tal-emittent. Skambjabbiltà tfisser li d-detentur jista' jibdel it-titolu ta' dejn ma' ishma ta' korporazzjoni li ma tkunx l-emittent. Titoli perpetwi, li ma jkollhom l-ebda data tal-maturità indikata, huma kklassifikati bħala titoli ta' dejn. |
| 1a. Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.31) | It-titoli ta' dejn li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' sena jew inqas, u titoli ta' dejn ripagabbli fuq talba tal-kreditur. |
| 1b. Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil (F.32) | Titoli ta' dejn li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' iżjed minn sena, jew b'maturità mhux indikata. |
| 2. Ekwità (F.51) | L-ekwità hija assi finanzjarja li hija pretenzjoni fuq il-valur reżidwu ta' korporazzjoni, wara li jkunu ġew sodisfatti l-pretenzjonijiet l-oħrajn kollha. Il-proprjetà ta' ekwità f'entitajiet legali normalment tidher f'ishma, stokks, irċevuti depożitorji, parteċipazzjonijiet, jew dokumenti simili. Ishma u stokks għandu jkollhom l-istess tifsira.<br><br>Ekwità hija subkategorizzata f'dawn li ġejjin: ishma kkwotati (F.511); ishma mhux ikkwotati (F0,512); u ekwità oħra (F.519). |
| 2a. Ishma kkwotati (F.511) | L-ishma kkwotati huma titoli tal-ekwità kkwotati fuq borża. Dik il-borża tista' tkun borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati jissejħu wkoll ishma kkwotati fil-borża. L-eżistenza ta' prezzijiet ikkwotati ta' ishma kkwotati f'borża tfisser li l-prezzijiet attwali tas-suq normalment ikunu faċilment disponibbli. |
| 3. Ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment (F.52) | L-ishma ta' fondi tal-investiment huma ishma ta' fondi tal-investiment jekk il-fond ikollu struttura korporattiva. Huma magħrufa bħala unitajiet jekk il-fond ikun fiduċjarju. Il-fondi ta' investiment huma impriżi ta' investiment kollettiv li permezz tagħhom l-investituri jiġbru flimkien fondi għall-investiment f'assi finanzjarji u/jew mhux finanzjarji.<br><br>Ishma f'fond ta' investiment huma subdiviżi: f'ishma jew unitajiet ta' fond tas-suq monetarju (MMF) (F.521); u f'ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment mhux MMF (F.522). |

▼B

PARTI 2

**Definizzjonijiet tas-setturi**

Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni tal-kategoriji ta’ setturi, li l-BĊNi jitttrasponu f’kategoriji applikabbli fil-livell nazzjonali skont dan ir-Regolament.

▼M1

| Settur | Definizzjoni |
|---|---|
| 1. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti f'unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u produtturi tas-suq, u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll kważi korporazzjonijiet mhux finanzjarji. |
| 2. Il-bank ċentrali (S.121) | Is-subsettur il-bank ċentrali (S.121) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet finanzjarji kollha li l-funzjoni prinċipali tagħhom hija li joħorġu l-valuta, li jżommu l-valur intern u estern tal-valuta u jżommu r-riżervi internazzjonali kollha tal-pajjiż jew parti minnhom. |
| 3. korporazzjoniet li jaċċettaw depożiti għajr għall-bank ċentrali (S.122) | Is-subsettur tal-korporazzjonijiet li jaċċettaw depożiti ħlief għas-subsettur tal-bank ċentrali (S.122) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-kważi korporazzjonijiet finanzjarji kollha, ħlief għal dawk ikklassifikati fis-subsetturi tal-bank ċentrali u tal-MMF, li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u li n-negozju tagħhom hu li jirċievu d-depożiti u/jew sostituti mill-qrib għal depożiti minn unitajiet istituzzjonali, jiġifieri mhux biss minn IFMs, u, għall-kont proprju tagħhom, japprovaw għoti b'self u/jew jinvestu f'titoli. |
| 4. Fondi ta' suq tal-flus (MMFs) (S.123) | Is-subsettur MMFs (S.123) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-unitajiet bi status ta' kważi korporazzjoni finanzjarji kollha, ħlief għal dawk ikklassifikati fis-subsetturi tal-bank ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja. In-negozju tagħhom huwa li joħorġu ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment bħala sostituti mill-qrib għal depożiti minn unitajiet istituzzjonali u, f'isimhom, jagħmlu investimenti primarjament fl-ishma/unitajiet MMF, titoli ta' dejn għal żmien qasir, u/jew depożiti.<br><br>Fondi ta' investiment MMF ikopru trusts ta' investiment u skemi ta' investiment kollettivi oħrajn li l-ishma jew l-unitajiet tagħhom f'fond ta' investiment tagħhom huma sostituti mill-qrib għal depożiti. |

▼M1

| Settur | Definizzjoni |
|---|---|
| 5. Fondi ta' investiment mhux MMF (S.124) | Is-subsettur fondi ta' investiment mhux MMF (S.124) jikkonsisti mill-iskemi ta' investiment kollha, ħlief dawk ikklassifikati fis-subsettur MMF, li joperaw prinċipalment fl-intermedjazzjoni finanzjarja. In-negozju tagħhom huwa li joħorġu ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investiment li mhumiex sostituti mill-qrib għad-depożiti, u li fuq il-kont proprju tagħhom, jagħmlu investimenti primarjament f'assi finanzjarji ħlief għal assi finanzjarji għal perijodu ta' żmien qasir u f'assi li mhumiex finanzjarji (ġeneralment fi proprjetà immobbli). Fondi ta' investiment mhux MMF ikopru trusts ta' investiment, trusts ta' unità u skemi ta' investiment kollettiv oħrajn li l-ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment tagħhom ma humiex ikkunsidrati bħala sostituti mill-qrib għad-depożiti. |
| 6. Intermedjarji finanzjarji oħrajn, ħlief għall-korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S.125) | Is-subsettur intermedjarji finanzjarji oħrajn, ħlief għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjonijiet (S.125) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u l-kważi korporazzjonijiet finanzjarji kollha li joperaw prinċipalment fl-intermedjazzjoni finanzjarja billi jkollhom obbligazzjonijiet f'forom li ma jkunux valuta, depożiti, jew ishma ta' fond ta' investiment, jew fir-rigward skemi ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni u ta' garanzija standardizzata minn unitajiet istituzzjonali. |
| 7. Korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (FVCs) | FVCs huma impriżi li jwettqu tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni. FVCs li jissodisfaw l-kriterji ta' unità istituzzjonali huma kklassifikati fS.125, altrimenti jiġu ttrattati bħala parti integrali tal-impriża prinċipali. |
| 8. Awżiljari finanzjarji (S.126) | Is-subsettur awżiljarji finanzjarji (S.126) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet kollha finanzjarji li joperaw prinċipalment f'attivitajiet relatati mill-qrib mal-intermedjazzjoni finanzjarja imma li ma humiex intermedjarji finanzjarji huma stess. |
| 9. Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u l-korporazzjonijiet tal-għoti ta' flus b'self (S.127) | Is-subsettur istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus (S.127) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet finanzjarji kollha li la joperaw f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira tal-assi jew tal-passiv tagħhom ma jiġux innegożjati fis-swieq miftuħin. |

▼M1

| Settur | Definizzjoni |
|---|---|
| 10. Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) | Is-subsettur korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-kważi korporazzjonijiet kollha li joperaw prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza li jgħaqqdu r-riskji l-iktar fforma ta' assigurazzjoni diretta jew riassigurazzjoni. |
| 11. Fondi tal-pensjoni (S.129) | Is-subsettur tal-fondi ta' pensjonijiet (S.129) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u l-kważi korporazzjonijiet kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza li jgħaqqdu r-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjoni bħal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu dħul meta persuna tirtira, u ħafna drabi benefiċċji għal mewt u diżabilità. |
| 12. Gvern ġenerali (S.13) | Is-settur gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti f'unitajiet istituzzjonali li huma produtturi mhux tas-suq li l-produzzjoni tagħhom hija intiża għall-konsum individwali u kollettiv, u huma ffinanzjati bi ħlasijiet obbligatorji magħmulin minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħrajn, u f'unitajiet istituzzjonali li joperaw prinċipalment fir-ridistribuzzjoni tad-dħul u l-ġid nazzjonali.<br><br>Is-settur tal-gvern ġenerali huwa mqassam f'erba' sottosetturi: gvern ċentrali (S.1311); gvern statali (S.1312); gvern lokali (S.1313); u fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314). |
| 13. Unitajiet domestiċi (S.14) | Is-settur unitajiet domestiċi (S.14) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala imprendituri li jipproduċu oġġetti għas-suq u servizzi mhux finanzjarji u finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produzzjoni tal-oġġetti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati ttrattati bħala kważi korporazzjonijiet. Jinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produtturi ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji li finalment huma għal użu aħħari esklużivament proprju. |
| 14. Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.15) | Is-settur istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu l-unitajiet domestiċi (S.15) jikkonsisti minn istituzzjonijiet mhux għall-profitt li huma entitajiet ġuridiċi separati, li jservu l-unitajiet domestiċi u huma produtturi mhux tas-suq privati. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma kontribuzzjonijiet volontarji f'kontanti jew *in natura* minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi, minn ħlasijiet magħmulin minn gvernijiet ġenerali u minn dħul mill-propjetà. |

▼B

PARTI 3

**Definizzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji**

1. L-aġenti ta' rappurtar attwali jirrappurtaw dejta ta' tranżazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 3(5).

2. It-tranżazzjonijiet finanzjarji huma definiti bħala tranżazzjonijiet f'assi u passiv finanzjarji bejn unitajiet istituzzjonali residenti, u bejnhom u unitajiet istituzzjonali mhux residenti. Tranżazzjoni finanzjara bejn unitajiet istituzzjonali hija kreazzjoni jew likwidazzjoni simultanja ta' assi finanzjarji u l-passiv kontroparti, jew bidla fil-proprjetà ta' assi finanzjarji, jew assunzjoni ta' passiv. Imgħax akkumulat li għadu ma tħallasx huwa rreġistrat fi tranżazzjoni finanzjarja, li juri li l-imgħax huwa investit mill-ġdid fl-istrument finanzjarju rilevanti.

Tranżazzjonijiet finanzjarji jiġu rreġistrati bil-valuri ta' tranżazzjoni, jiġifieri, il-valuri fil-valuta nazzjonali fejn l-assi finanzjarji u/jew il-passiv involut jinħolqu, jiġu llikwidati, skambjati jew assunti bejn unitajiet istituzzjonali.

Il-valur tat-tranżazzjoni jinkludi imgħax akkumulat u ma jinkludix pagamenti għal servizzi, drittijiet, kummissjonijiet, u pagamenti simili għal servizzi mogħtija fit-twettiq tat-tranżazzjonijiet, u lanqas taxxi fuq it-tranżazzjonijiet. Bidliet fil-valutazzjoni ma humiex tranżazzjonijiet finanzjarji.

▼M1

B'mod partikolari, tranżazzjonijiet finanzjarji jinkludu l-kanċellazzjoni ta' dejn bi ftehim reċiproku bejn id-debitur u l-kreditur (il-kanċellazzjoni tad-dejn jew maħfra tad-dejn).

▼B

3. Tranżazzjonijiet finanzjarji huma mkejlin bħala d-differenza bejn pożizzjonijiet ta' titoli (inkluż l-imgħax akkumulat) u d-dati ta' rappurtar fl-aħħar ta' perijodu, minn fejn jitneħħa l-effett tat-tibdil minħabba l-influwenzi minn 'aġġustamenti ta' rivalutazzjoni' (ikkawżati minn tibdil fil-prezz u r-rati tal-kambju) u 'tibdil ieħor fil-volum'.

4. Rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju jirreferu għall-varjazzjonijiet fil-valutazzjoni tat-titoli li jirriżultaw jew minn tibdil fil-prezz tat-titoli u/jew fir-rati tal-kambju li jeffettwaw il-valuri espressi f'euro ta' titoli denominati f'valuta barranija. Billi dan it-tibdil jirrappreżenta qligħ jew telf ta' investiment li ma humiex dovuti għal tranżazzjonijiet finanzjarji, dawn l-effetti jridu jitneħħew mid-dejta tat-tranżazzjonijiet.

▼M1

— Rivalutazzjonijiet tal-prezz jinkludu tibdil fil-valur ta' pożizzjonijiet fil-perijodu tal-aħħar li jiġru fil-perijodu ta' referenza minħabba tibdil fil-valur ta' referenza li fih huma rreġistrati, jiġifieri qligħ jew telf minn investiment. Jinkludu wkoll bidliet fi pretensjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn deprezzament li jirrifletti l-valuri reali tas-suq ta' pretensjonijiet finanzjarji negozjabbli;

▼B

— Rivalutazzjonijiet tar-rata tal-kambju tirriferi għall-movimenti fir-rati tal-kambju kontra l-euro li jiġru bejn dati ta' rappurtar tal-aħħar tal-perijodu, li jagħtu lok għal tibdil fil-valur ta' titoli ta' valuta barranija espressi f'euro.

▼M1

5. Tibdil ieħor fil-volum jirreferi għal bidliet fil-volum tal-assi li jista' jkun hemm fuq in-naħa tal-investitur, minħabba kwalunkwe ħaġa li ġejja: (a) bidla fil-kopertura statistika tal-popolazzjoni (jiġifieri r-riklassifikazzjoni u r-ristrutturar ta' unitajiet istituzzjonali ([1])); (b) ir-riklassifikazzjoni tal-assi; (c) ir-rapportar ta' żbalji li ġew ikkoreġuti f'dejta rrapportata biss matul medda ta' żmien limitat; (d) it-tħassir jew id-deprezzament ta' dejn mitluf, meta dan ikun fil-forma ta' titoli, minn kredituri; (e) tibdil fir-residenza tal-investitur.

▼B

PARTI 4

**Definizzjonijiet ta’ attributi titolu b’titolu**

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Numru ta’ identifikazzjoni ta’ titolu | Kodiċi li jidentifika titolu b’mod uniku. Dan huwa l-kodiċi ISIN jekk dan ġie assenjat lit-titolu, jew numru ta’ identifikazzjoni ta’ titolu ieħor. |
| Pożizzjonijiet fil-valur nominali (f’valuta nominali jew euro jew pożizzjonijiet f’numru ta’ ishma jew unitajiet) | Numru ta’ unitajiet ta’ titolu, jew ammont nominali aggregat jekk it-titolu jiġi nnegozjat f’ammonti iktar milli f’unitajiet, bl-esklużjoni ta’ imgħax akkumulat. |
| Pożizzjonijiet fil-valur tas-suq | Ammont miżmum ta’ titolu bil-prezz ikkwotat fis-suq f’euro. Il-BĊNi għandhom fil-prinċipju jitolbu illi l-imgħax akkumulat jiġi rrappurtat jew taħt din il-pożizzjoni jew separatament. Madankollu, il-BĊNi jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom jitolbu dejta li teskludi imgħax akkumulat. |
| Tibdil ieħor fil-valur (valur nominali) | Tibdil ieħor fil-volum tat-titolu miżmum, f’valur nominali f’valuta/unità nominali jew euro. |
| Tibdil ieħor fil-volum (valur tas-suq) | Tibdil ieħor fil-volum tat-titolu miżmum, f’valur tas-suq f’euro. |
| Tranżazzjonijiet finanzjarji | Is-somma ta’ akkwisti wara li minnha jitnaqqas il-bejgħ ta’ titolu, irreġistrat fil-valur ta’ tranżazzjoni f’euro. |
| Investiment ta’ portafoll jew investiment dirett | Il-funzjoni tal-investiment skont il-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-bilanċ ta’ pagamenti ([1]). |
| Valur tal-prezz | Il-prezz tat-titolu fit-tmiem tal-perjodu ta’ referenza. |
| Bażi għall-ikkwotar | Jindika jekk it-titolu huwiex ikkwotat f’perċentwali jew f’unitajiet. |
| Aġġustamenti ta’ rivalutazzjonijiet | Rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju, kif imsemmi fil-Parti 3. |
| Valuta ta’ denominazzjoni ta’ titolu | Il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni tal-Istandards Internazzjonali (International Standards Organisation), jew ekwivalenti, tal-valuta użat biex jesprimi l-prezz u/jew l-ammont tat-titolu. |

([1]) Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta’ Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta’ rapportaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1).

([1]) Pereżempju, fil-każ ta' fużjonijiet u akkwisti l-mogħdija lill-korporazzjoni li tassorbi ta' assi u obbligazzjonijiet finanzjarji li jeżistu bejn il-korporazzjoni assorbita u terzi.

▼B

*ANNESS III*

**STANDARDS MINIMI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI TA' RAPPURTAR ATTWALI**

L-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tal Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni:

   (a) ir-rappurtar lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandu jkun f'waqtu u fl-iskadenzi stabbiliti mill-BĊN rilevanti;

   (b) ir-rapporti statistiċi għandhom jieħdu l-forma u l-format tagħhom mir-rekwiżiti tar-rappurtar tekniku stabbiliti mill-BĊNi;

   (c) il-persuni għall-kuntatt fl-aġent ta' rappurtar attwali għandhom ikunu identifikati;

   (d) għandhom jiġu segwiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni tad-dejta lill-BĊNi.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni:

   (a) kull restrizzjoni lineari għandha tiġi sodisfatta meta tkun tapplika (eż. is-subtotali għandhom jaqblu mat-totali);

   (b) l-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom ikunu jistgħu jipprovdu informazzjoni fuq l-iżviluppi intiżi fid-dejta pprovduta;

   (c) it-tagħrif statistiku għandu jkun komplet;

   (d) l-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom isegwu d-dimensjonijiet u d-deċimali stabbiliti mill-BĊN għat-trażmissjoni teknika tad-dejta;

   (e) l-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom isegwu l-politika ta' arrotondament stabbilita mill-BĊNi għat-trażmissjoni teknika tad-dejta.

3. Standards minimi għall-konformità mal-kunċetti:

   (a) it-tagħrif statistiku għandu jikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li hemm f'dan ir-Regolament;

   (b) fil-każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, fejn applikabbli l-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom jagħmlu monitoraġġ fuq bażi regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-kejl użat u l-kejl li hemm f'dan ir-Regolament;

   (c) l-aġenti ta' rappurtar attwali għandhom ikunu jistgħu jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta pprovduta meta pparagunata mal-figuri tal-perijodi preċedenti.

4. Standards minimi għar-reviżjonijiet:

   Għandhom jiġu segwiti l-politika u l-proċeduri tar-reviżjonijiet stabbiliti mill-BĊE u l-BĊNi. Reviżjonijiet li jiddevjaw minn reviżjonijiet regolari għandhom ikunu akkumpanjati b'noti spjegattivi.